**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Novembru, 2019**

**Talba Numru: 285/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 27**

**David Mallia (K.I. 439959M)**
**Wejla Court Flat 2,**
**Triq il-Wied Ta' Ruman,**
**Mellieha**
**Vs**
**Jacqueline Mallia (K.I. 143082M)**
**Binja Skorba Ent F, Flat 2,**
**Triq il-Karamelli,**
**Mgarr**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attur fl-20 ta' Gunju 2017 li permezz tieghu qed jitlob li l-konvenuta tigi ordnata thallsu s-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) liema somma giet avvanzata lilha minnu biex inxtrat l-vettura tal-marka Alfa Romeo 156 bin-numru ta' registrazzjoni IBF 789 liema avvanz sar bi flus kontanti u kif ukoll billi l-konvenuta giet kreditata b'somma pagabbli mill-venditur tal-vettura lill-attur; li l-hsieb kien li s-somma tigi applikata fl-akkwist ta' vettura liema vettura giet effettivament mixtrija; li l-ftehim

kien li tali somma kellha tithallas minghajr imghax fi zmien hames (5) snin b'dan li ghaliex fl-epoka l-kontendenti kienu f'rapport ma' xulxin.

Ra r-risposta tal-konvenuta li eccepiet li mhux minnu li l-attur sellifha xi flus ; li l-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni ghal aktar minn erbatax-il sena u ghandhom tifel Aidan Mallia li ghandu tlettax-il sena; li tul dawn is-snin z-zewg kontendenti kienu jikkontribwixxu ghall-ispejjez tal-hajja u manteniment tat-tifel u qatt ma kien hemm ebda self reciproku; li jidher bl-aktar mod palezi li din l-istanza hija biss ritaljazzjoni ghal fatt li r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti intemmet madwar sentejn ilu; li assolutament mhux minnu li bejn il-partijiet kien hemm xi ftehim dwar ripagament ta' xi flus.

A fol 15 xehed Stephen Cachia in rapprezentanza ta' Transport Malta u kkonferma li l-vettura bin-numru ta' registazzjoni IBF 789 hija tal-ghamla Alfa Romeo 156 ta' kulur griz registrata fuq il-konvenuta u ilha hekk registrata mit-08 ta' Frar 2011. Dwar il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBD 804 huwa xehed li din tghajjat lil Aaron Agius u giet skrepjata fis-27 ta' Gunju 2017 li rega xehed a fol 34 u taha spjegeazzjoni dwar dawn iz-zewg vetturi. .

Ra l-affidavit tal-attur a fol 27 li permezz tieghu jammetti li ghamel zmien twil f'relazzjoni mal-konvenuta u li huwa kien biegh il-vettura li kellu FBD 804 u taghha gab elf u mitejn ewro (€1,200) u minflokha l-konvenuta xtrat l-vettura IBF 789 u li hallasha huwa cash bl-elf u mitejn ewro (€1,200) li gab mill-bejgh tal-vettura li kellu u hareg tlett elef u tmien mitt ewro (€3,800) ohra cash. L-arrangament maghha kien li hija thallsu lura meta tista minghajr imghax u l-konvenuta kienet qaltlu biex ikellem avukat.

In kontro ezami a fol 51 l-attur jghid li karti bejniethom ma sarux ghax kien jafdaha b'ghajnejh maghluqa u sahaq li s-somma giet mghoddija lilha b'self.

A fol 28 xehed George Zarb li kkonferma li l-vettura inbieghet hamest elef ewro (€5,000) u li l-flus harighom l-attur. In kontro ezami a fol 36 huwa xehed li s-somma kienet parti minn prezz ikbar ghal karozza.

A fol 31 fl-affidavit taghha l-konvenuta tichad li hija kienet dipendenti fuqu u li mhux minnu li l-vettura xtraha l-attur bi flusu biss. Hija tghid li jista jkun li hu hareg xi flus izda zgur li dan qatt ma ghamlu b'self izda bhala rigal fil-kuntest tar-relazzjoni li kienu fiha. Meta spiccaw ir-relazzjoni l-attur ha l-Land Rover u l-Pajero u hija zammet l-Alfa Romeo 156 minghajr ebda dizgwid bejniethom. Hija tghid li l-attur qatt ma staqsiha biex

taghtih xi flus lura u dan peress li huwa qatt ma sellifha xi flus. Hija tghid li mhux talli qatt ma jhallas manteniment ghal ibnu issa qieghed jippretendi li thallsu ghal rigali mixtrija fil-kuntest tar-relazzjoni twila li kellhom.

A fol 56 in kontro-ezami l-konvenuta tghid li jekk huwa hareg xi haga ghax-xiri tal-karozza dan ghamlu ghax ma kienux ifittxu ghall-affarijiet u hija kienet thallas xi kontijiet ohra. Hija tichad li ghandha taghti u mistoqsija jekk ma ghandhiex taghti xejn ghax kienu rigal hija wiegbet li le.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Semgha lil partijiet jitrattaw il-kas.

Ikkunsidra,

Illi din l-kawza tikkoncerna talba maghmula mill-attur sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hamest elef ewro (€5,000) rapprezentanti self brevi manu maghmul minnu meta l-konvenuta xtrat il-vettura in kwistjoni fit-08 ta' Frar 2011 d-data ta' meta tali vettura giet registrata f'isimha rapprezentanti self brevi manu maghmul minnu u uzat bhala pagament akkont ghax-xiri ta' tali vettura .

Il-kawza giet intavolata fis-sena 2017.

Il-konvenuta min-naha l-ohra qed tghid li tali somma qatt ma nghatat lilha b'self izda kienet rigal tenut kont ir-relazzjoni twila ta' bejniethom u li huma qatt ma kienu jfittxu ma' xulxin u li tali talba qed issir mill-attur ghax ir-relazzjoni ta' bejniethom intemmet.

Il-piz tal-prova jinkombi fuq min jallega. L-attur jallega ftehim ta' self brevi manu u li tali self kellu jithallas lura meta tista l-konvenuta u bla imghax.

Kif irriteniet diversi drabi l-Qorti, bhal fil-kawza **Borg vs Cassar Prim Awla 25.4.2002**: "*Il-gudikant fil-kamp civili ghandu jiddeciedi fuq l-provi li jkollu quddiemu meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed bhala li hi bazata fuq il-proponderanza tal-possibilitajiet*." Jinghad a propositu l-**Mattirolo (diritto giudiziario Vol III para 306)**: *" Il legislatore non ha volute attribuire un valore diverso all'una e all'altra prova…vuolsi semplre quando il legislatore non abbia espressamente stabilito il*

*contrario applicare il principio di diritto commune in materia probatoria secondo cui dipende dal libero apprezzamento del Giudice l'estimazione delle single prove ed il Giudice deve pronunziare in conformita alla sua convinzione ossia della morali certezza."*

Illi minn ezami tad-deposizzjonijiet moghtija mill-partijiet jirrizultaw divergenzi notevoli bejn il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attur u dik moghtija mill-konvenut. *Inghad pero' li 'mhux kwalunkwe' tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-in dubio pro reo. Il-konflitt fil-provi sakemm il-bniedem jibqa soggett ghall-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghal passjoni huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha….Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti ma ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dwar il-konsistenza u verosomiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra anke fuq il-bilanc tal-probabilita' u tal-preponderanza tal-provi ghax dawn f'kawza civili huma generalment sufficjenti ghal konvinciment tal-gudikat… Anzi, f'kazijiet bhal dawn aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni uohra aktar tidher l-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mil-kontendenti'* **– Prim Awla per Imh M. Caruana Curran Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia 24.11.1966)**

Sabiex jigi stabbilit jekk il-flus de quo kienu moghtija b'self jew b'donazzjoni dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-segwenti decizjonijiet:

**Albert Fiorentino vs Rebecca Attard 19.5.2014 Appell Inf**: "*Kif manifest mill-aggravju u mil-linja difensjonali Assunta mil-konvenuta appellant din tikkampa t-tezi taghha fuq l-fat tad-donazzjoni tal-oggetti moghtija lilha mill-attur bl-eccezzjoni ta' mejda. Apparti l-kwestjoni tal-aspett oggettiv tal-materja ossija tal-att materjali li f'dan il-kaz certament jezisti gjaladarba l-oggetti jinsabu fil-pussess tal-konvenuta d-donazzjoni tirrikjedi wkoll bhala element essenzjali taghha l-aspett soggettiv ossija l-prova tal-anim tal-liberalita'."*

Kif ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Pace vs Rosaria Caruana et Prim Awla 17.10.1949 Kollez Vol XXXIII p II p416** "*ghall-effikacja guridika tad-donazzjoni huwa mehtieg (1) li l-oggett mobbili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijeit ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni tal-oggett donat u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id-donatarju;*

*u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona*."

Il-kwestjoni hawn involute trid allura tigi ezaminata fl-ambitu ta' dawn l-elementi in partikolari l-element intenzjonali specifiku tal-allegata donazzjoni. "*Qabel kull konsidrazzjoni tal-fatti processwali tajjeb li jigi sottolinejat li "min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha tant jekk tkun donazzjoni propria kemm jekk tkun donazzjoni rimuneratorja ossija mproprja kemm jekk tkun donazzjoni mista. Fi kwalunkwe kaz sabiex ikun hemm dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet id-donazzjoni jrid ikun hemm provi cari (***Kollez Vol XXXII p II p472).**

**L-Artikolu 1753(1) tal-Kodici Civili** jiddisponi li d-donazzjoni hija nulla jekk ma ssirx b'att pubbliku. Madanakollu t-tieni sub inciz ikompli billi jghid li din id-disposizzjoni ma tghoddx: *" ghal rigali li jinghataw minn id ghal id ta' flus jew ta' hwejjeg mobbli korporali ohra jew ta' titoli ghal portatur jekk is-somma jew il-valur tahhom ikun zghir meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni u cirkostanzi ohra. "*

**Fis-sentenza taghha tad-19 ta' Novembru 2001 fl-ismijiet: Margaret Woodall vs Anthony Rapa l-Qorti tal-Appell** qalet hekk: *"hu car li f'sitwazzjoniiet bhal dawn fejn ikun ammess li l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed onoruz ossija gratuwit u kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sena li kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih. "*

Mill-provi ma jirrizultax li l-attur qatt talab lill-konvenuta biex thallsu lura u l-ewwel pass tieghu kien permezz ta' dawn il-proceduri. Ebda sejha gudizzjarja ghal hlas ma saret da parti tal-attur qabel bdew dawn il-proceduri u sakemm damet ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet. Jirrizulta li l-attur kien jghix fil-fond tal-konvenuta minghajr hlas, li kienu jikkontribwixxu t-tnejn ghal hajja, u li huwa kien jghix b'pensjoni tad-dizabilita' u hija bl-ghajnuna socjali. Mill-assjem tal-provi dan it-Tribunal jasal biex jemmen il-verzjoni tal-konvenuta u jqis li l-attur naqas li jgib prova sodisfacenti li s-somma mitluba hekk moghtija lill-konvenuta kienet ta' titolu ta' self u jikkondividi li kienu jezistu provi sufficjenti fuq bazi ta' probabilita' li dak l-istess ammont inghata lill-konvenuta b'mod gratuwit u bhala rigal.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jichad it-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**Anna Mallia**

**Gudikatur**